Dok 81

# Bord Indipendenti għall-Ilmenti Dwar il-Pulizija

## Rapport Annwali ta' ħidma għas-sena 2023

Dan il-Board ġie mwaqqaf bl-Att XVIII tat-12 ta' Mejju 2017 li abroga l-Att 164 dwar il-Pulizija. Fost il-kompiti ta' dan il-Board insibu ħafna li kienu jixbħu lil dak ta' qablu.

Il-Board Indipendenti għall-Ilmenti dwar il-Pulizija huwa kompost minn żewg Membri, Segretarju u Chairman. Dan in-numru żgħir ta' membri jġib miegħu ċerta diffikulta' fl-operat tal-Board.

Dan il-Board irid jindaga u jirrapporta dwar il-każi li jkollu quddiemu, u l-opinjonijiet li huwa jasal għalihom għandhom natura essenzjalment konsultattiva.

Meta mwaqqaf ingħata wkoll il-kompitu li jservi ta' appell mid-deċiżjonijiet dwar dixxiplina li jkunu ittiedu mill-Internal Affairs Unit tal-Pulizija iżda dan il-kompitu ġie mneħħi b'emenda tat-6 ta' Diċembru 2019.

Il-Board jiltaqa' fl-uffiċċju tiegħu fi Triq il-Merkanti, il-Belt u bl-indirizz postali: PO Box 202,

Triq Sir Adrian Dingli, Sliema SLD1902. Barra li jitaqa' fl-imsemmi uffiċċju, il-membri tal-Board anke jmorru *on site* biex jirrappurtaw lill-Board dwar dak li jkunu qed jiddiskutu.

Minħabba it-twessiegħ tad-dmirijiet, il-Liġi tistabilixxi li l-Board għandu jkun assistit minn uffiċċju Legali u staff amministrativ meħtieg; dan il-proċess għadu qatt ma ġie esegwit.

Tul din is-sena, is-Segretarju tal-Board ukoll attenda għal-laqgħat kollha miżmuma mill-Bordijiet tad-Dixxiplina tal-Korp, fil-Kwartieri tal-Pulizija il-Furjana.

**Proċedura biex jinfetaħ Każ**

Biex ċittadin iressaq ilment quddiem il-Board, dan irid isir dejjem bil-miktub – sempliċi ittra tkun biżżejjed. Tul is-snin ilmenti quddiem il-Board tressqu minn kull kategorija ta' ċittadini kemm Maltin kif ukoll barranin.

**Kompożizzjoni.**

Permezz ta' notifika fil-Gażżetta tal-Gvern il-President ta' Malta approva il-ħatra tal-Board għal

perjodu ta' tlett snin b'seħħ mit-10 ta' Ġunju 2022; dawn huma:

Chairperson:

L-Imħallef Emeritu Dr Franco Depasquale KCSG, BA, LLD.

Membri:

Capt Reuben Lanfranco CSJ, BA(Crim).M.Jur (Int Law), LLM(IMLI), Dip Mar Sur, Fire, FNI, FIIMS.

Is-Sur Joseph Cachia.

Segretarju:

E.T. Is-Sur John Spiteri Ms. Ed. Admin & Man.

Matul din is-sena il-Board irċieva tmin Ilmenti u għalaq ħamsa; minn dawn erba' ma kienux ġustifikati.

L-ilmenti li waslu kienu ta' natura varjata iżda li kollha minbarra wieħed kienu jirrigwardjaw ilment minn nuqqas ta' ftehim bejn membri tal-korp u l-pubbliku. Dan jista' jkun irranġat billi l-pulizija jkunu iktar miftuħa għall-ilmenti tan-nies permess ta' aktar paċenzja u edukazzjoni u billi jkunu aktar lesti li jagħtu l-għajnuna tagħhom fi kwalunkwe każ, żgħir kemm ikun żgħir, sabiex titjieb dejjem iktar id-deħra li huma **l-Ħbieb taċ-ċittadin**. Dan minħabba l-fatt li ħafna mit-tgergir tal-pubbliku jkun ta' natura

sempliċi u ta' nuqqas ta' edukazzjoni u kultant ta' suppervja.

**Konklużjoni.**

Il-Board iltaqgħa f'numru konsiderevoli ta' laqgħat, li kollha damu siegħat twal. Mhux kull każ ikun faċli li jigi mitmum fl-laqgħa waħda. Ħafna drabi ikun hemm bżonn li jinstemgħu x-xhieda u għalhekk dan jieħu ħafna aktar żmien, iżda kull każ kien mogħti iż-żmien li kien jinħtieg sabiex ikun solvut b'ġustizzja.

Chairperson

Judge F. Depasquale

Segretarju

E.T. John Spiteri